

**DEĊIŻJONI (UE) 2017/2442 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW****tat-8 ta' Diċembru 2017****li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2016/2164 dwar l-approvazzjoni tal-volum ta' ħruġ ta' muniti fl-2017 (BĊE/2017/39)**

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 128(2) tiegħu,

Wara li ra d-Deċiżjoni (UE) 2015/2332 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-4 ta' Diċembru 2015 dwar il-qafas proċedurali għall-approvazzjoni tal-volum ta' ħruġ ta' muniti tal-euro (BĊE/2015/43) <sup>(1)</sup> u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tagħha,

Billi:

- (1) Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għandu d-dritt esklussiv mill-1 ta' Jannar 1999 biex japprova l-volum ta' muniti maħruġin mill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.
- (2) Skont l-estimi tad-domanda għall-muniti tal-euro fl-2017 li l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro ppreżentaw lill-BĊE, il-BĊE approva l-volum totali tal-muniti tal-euro intiżi għaċ-ċirkolazzjoni u l-muniti tal-euro għall-kollezzjoni mhux intiżi għaċ-ċirkolazzjoni fl-2017, fid-Deċiżjoni (UE) 2016/2164 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2016/43). <sup>(2)</sup>
- (3) Fid-19 ta' Ottubru 2017, il-Ministeru tal-Finanzi Taljan talab li l-volum ta' muniti tal-euro li l-Italja tista' toħroġ fl-2017 jidded minn EUR 96,0 miljun għal EUR 141,0 miljun sabiex tkun tista' twieġeb għal żieda mhux mistennija fid-domanda għall-muniti. Il-BĊE approva din it-talba għal żieda fil-volum ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni li l-Italja tista' toħroġ fl-2017.
- (4) Għalhekk, id-Deċiżjoni (UE) 2016/2164 (BĊE/2016/43) għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1***Emenda**

It-tabella fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (UE) 2016/2164 (BĊE/2016/43) hija mibdula b'dan li ġej:

*“(EUR miljun)”*

	Volum ta' muniti euro approvati għall-ħruġ fl-2017		
	Muniti fiċ-ċirkolazzjoni	Muniti għall-kollezzjonisti (mhux intiżi għaċ-ċirkolazzjoni)	Volum ta' ħruġ ta' muniti
Il-Belġju	51,0	1,0	52,0
Il-Ġermanja	419,0	219,0	638,0
L-Estonja	9,7	0,3	10,0
L-Irlanda	30,7	0,8	31,5
Il-Greċja	106,3	0,6	106,9
Spanja	359,3	30,0	389,3
Franza	224,3	51,0	275,3
L-Italja	139,2	1,8	141,0

<sup>(1)</sup> ĠUL 328, 12.12.2015, p. 123.<sup>(2)</sup> Deċiżjoni (UE) 2016/2164 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-30 ta' Novembru 2016 dwar l-approvazzjoni tal-volum ta' ħruġ ta' muniti fl-2017 (BĊE/2016/43) (ĠUL 333, 8.12.2016, p. 73).

(EUR miljun)

	Volum ta' muniti euro approvati għall-ħruġ fl-2017		
	Muniti fiċ-ċirkolazzjoni	Muniti għall-kollezzjonisti (mhux intiżi għaċ-ċirkolazzjoni)	Volum ta' ħruġ ta' muniti
Ċipru	14,0	0,1	14,1
Il-Latvja	16,3	0,3	16,6
Il-Litwanja	30,0	0,3	30,3
Il-Lussemburgu	17,7	0,2	17,9
Malta	10,2	0,2	10,4
In-Netherlands	25,0	4,0	29,0
L-Awstrija	87,2	181,8	269,0
Il-Portugall	62,0	3,0	65,0
Is-Slovenja	24,0	2,0	26,0
Is-Slovakkja	15,6	1,4	17,0
Il-Finlandja	35,0	10,0	45,0
<b>Total</b>	<b>1 676,5</b>	<b>507,8</b>	<b>2 184,3</b>

*Artikolu 2***Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha lid-destinatarji.

*Artikolu 3***Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-8 ta' Diċembru 2017.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI